



C/2024/4509

10.7.2024

Avviż għall-attenzjoni ta' ċerti persuni soġġetti għall-miżuri restrittivi previsti fid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK u fir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna

(C/2024/4509)

L-informazzjoni li ġejja qed titressaq għall-attenzjoni ta' Oleg Genrikhovich SAVELYEV (Nru 36), Sergey Yurevich KUZOVLEV (Nru 140) u Aleksandr Pavlovich LAPIN (Nru 1527), persuni li jidhru fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/145/PESK ⁽¹⁾ u fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 269/2014 ⁽²⁾ dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jdgħajfu jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna.

Il-Kunsill biħsiebu jżomm fis-seħħ il-miżuri restrittivi kontra l-persuni msemmija hawn fuq b'dikjarazzjonijiet tar-raġunijiet u informazzjoni ġodda. Dawn il-persuni huma b'dan infurmati li jistgħu jippreżentaw talba lill-Kunsill biex jiksbu l-informazzjoni relatata maż-żamma tal-miżuri restrittivi, qabel **17 ta' Lulju 2024**, fl-indirizz li ġej:

Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Segretarjat Ġenerali
RELEX.1
Rue de la Loi/Wetstraat 175
1048 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË
Posta elettronika: sanctions@consilium.europa.eu

⁽¹⁾ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 16.

⁽²⁾ ĠU L 78, 17.3.2014, p. 6.